**17. Il-Viċi Prim Ministru u Ministru tal-Intern u tal-Ġustizzja, l-Onor. Guido de Marco, jipproponi:**

Billi skont l-Artikolu 25 tal-Istatut tal-Kunsill tal-Ewropa, l-Assemblea Parlamentari tal-Kunsill għandha tikkonsisti f'Rappreżentanti u Sostituti tagħhom ta' kull Parlament li hu Membru tal-Kunsill, liema Rappreżentanti u Sostituti għandhom ikunu eletti jew maħtura minn fost il-Membri ta' kull Parlament; skont kif dan jiddeċiedih; u

Billi l-Artiklu 26 tal-istess Statut jistabbilixxi illi l-Membri li jirrappreżentaw lil Malta fl-Assemblea Parlamentari għandhom ikunu tlieta li jista' jkollhom tliet sostituti tagħhom;

Hu għalhekk riżolut li l-Kamra taħtar bħala dawn ir-Rappreżentanti tagħha lil:

Frank Portelli, M.P.
Michael Frendo, M.P.
Joseph Brincat, M.P.

U illi l-Kamra taħtar ukoll lil dawn is-sostituti tagħhom:

Francis Zammit Dimech, M.P.
Joseph Psaila Savona, M.P.
Ġużè Cassar, M.P.

Huwa wkoll riżolut illi din in-nomina ta' kull Rappreżentant u ta' kull Sostitut tiegħu tibqa' fis-seħħ sakemm dawn ir-Rappreżentanti u Sostituti jibqgħu Membri ta' dan il-Parlament jew sakemm din il-Kamra ma tiddeċidix xort'oħra.

Illi l-Onorevoli Membri, hekk maħtura għandhom, darba kull sitt xhur, jippreżentaw rapport lill-Kamra, u jekk ikun il-każ rapport ta' Minoranza wkoll, rigward l-attivitajiet tagħhom matul l-istess perjodu, u kopja ta' dan ir-rapport għandha titqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra u tkun ċirkolata lill-Onorevoli Membri.

14.07.87